MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 370/2011

Appell Numru: 370/2011

Il-Pulizija

Vs

Joseph Caruana

Illum 5 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-6 ta' Marzu, 2011 ghall-habta tat-03.15am gewwa Black and White, Triq St. Rita Steps, Paceville, San Giljan, hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat bi ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-*Att dwar Gwardjani Privati u Lokali,* Kap 389, Art. 3 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Christian Callus hekk kif iccertifikat Dr. Satya Brata Das MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Settembru, 2011 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 25(b) tal-Kap 389 u l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; sabet lill imputat hati ta’ l-ewwel akkuza u illiberatu mit-tieni u kkundannatu ghal-multa ta’ €1,500 (Elf u hames mitt euro) u prigunerija ta’ xahrejn (2) sospizi ghal tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Caruana pprezentat fis-27 ta’ Settembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> Tirriforma is-sentenza billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hat ital-ewwel akkuza u tvarjaha billi tilliberah mit-tieni akkuza li taghha l-ewwel Qorti sabitu hati, alternattivament tirriforma s-sentenza u dan billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn ma instabx hati tal-ewwel akkuza u sabitu hati tat-tieni akkuza, tvarja l-piena inflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi l-ewwel agrravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri ma ghamlitx apprezzament approfondit tac-cirkostanzi kollha quddiemha, in partikolari l-fatt li l-verzjoni tad-diverbju kif xehed Christian Callus u in partikolari l-fatt minnu mistqarr li sid il-hanut ma qalux biex jitlaq ‘l barra, huwa fatt kontestat mis-sid Charles Sciberras. KIen dan l-argir vessatorju ta’ Callus li necessita li fihom it-tnehhija tieghu mill-lokal imsemmi. Huwa dan il-kuntest li l-Qorti riedet tqis, u f’dawn ic-crikostanzi li frihom l-appellant, li kien qieghed jassisti lis-sid fit-tmexxija tal-hanut. Moghti direzzjoni mis-sid, l-appellant jistax jirrifjutaha billi gustifikata u ma kienx hemm necessita li jhalli lis-sular l-iehor bla siguirta’ u jsejjah lis-security officers galadarba l-incident de quo kien wiehed zghir u kien jidher rizolt.

Inoltre jinghad li kull sid u jew manager ta' hanut ghal-bejgh ta' spiriti u xorb alkoholiku huwa tenut bil-ligi li jara li jzomm il-bon ordni fil-lokal tieghu, li hija mansjoni obligatorja diretta fuq is-sid, il-licencee u kull manager fl-istess azjenda (bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Kap 249) u tali nuqqas tirrendih kriminalment responsabbli.

Illi l-appellant kull ma effettivament ghamel kien li skorta lil hekk imsejjah unruly client l' barra mill-fond, haga li hija fil-mansjoni ta' kull manager ta' kull azjenda, galadarba din tkun fil-kapacita tieghu u ma tkunx tenhtieg xi ntervent straordinarju.

2) It-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tal-provizo tal-Artikolu 2 tal-Kap 389, fit-tifsira ta' "servizzi ta' gwardjani private" liema proviso jghid testwalment '<u>izda ma tinkludix xi servizzi ta' gwardjani private provduti lil xi persuna, barra minn Agenzija ta' gwardjani private jew Kunsilli lokali, minn impjegat taghha kemm full-time, part-time jew kazwali.</u>

3) It-tielet aggravju tal-appellant jikkonsisti filli fl-ewwel Onorabbli Qorti qieset lid an l-att wiehed u solitarju huwa prova sufficjenti ta' hidma jew xoghol fl-ambitu ta' Gwardjan Privat f'post ta' divertiment, ipotezi li l-esponent jissottometti fic-cirkostanzi kif f'dan il-kaz jirrizultaw ma huwiex sufficjenti sabiex jilhaq il-grad ta' prova ta' impjieg jew xoghol bhala Gwardjan Privat f'post ta' divertiment. Illi ghalkemm ma hemmx referenza ghal ilbies u mezz ta' komunikazzjoni personali fis-sentenza, jirrizulta mix-xhieda mismugha li l-persunal kollu f' dan il-lokal jilbes uniformi u ghandhom mezz ta' komunikazzjoni intern u dan minhabba n-natura tax-xoghol storbjuz u konfuzjonali li huwa normali jirrenja f'dan it-tip ta' hwienet ta' divertiment.

Illi hemm distinzjoni netta bejn sitwazzjoni li fiha persuna li qed jaghmel xoghol ta' manager u minhabba incident ikun kostrett li jeskorat persuna li jkun qed jaqla' incident, 'l barra minn hanut, ghal persuna li xoghlha jkun unikament responsabbli biex tara li fil-post tinzamm is-sigurta' u l-bon ordni.

Li kieku, ghas-sahha tal-argument, dan ir-ragunar kellu jigi segwit, dan ifisser li kull impjegat fi stabiliment ghandu jkun registrat bhala Gwardjan Privat u dan peress li jekk jinqala xi incident u dan l-impjegat jintervjeni, ikun hati ta' reat.

L-ispiertu tal-ligi hija li persuni li jahdmu jew jigu impjegati bhala adetti ghas-sigruta` ma` fond, ghandhom ikunu licenzjati u mhux li minn jahdem f'hanut u jkun kostrett jintervjenti ikun qed jikser il-ligi.

4) Illi r-raba aggravju jikkonsisti filli, minghajr pregudizzju ghall-agravji precedenti, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija in rigward it-tieni akkuza, il-piena inflitta mill-ewwel onorabbli Qorti hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kif ukoll il-fatt li l-appellant ghandu fedina penali nadifa.

> Illi ghalhekk in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kif ukoll in vista tal-fatt li l-appellant ghandu fedina penali nadifa, hemm lok li l-piena inflitta mill-ewwel onroabbli Qorti tigi mibdula ghal wahda aktar miti.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta (6) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant Joseph Caruana kien qieghed fil-klabb bl-isem ta' "Black and White" fi Triq Saint Rita Steps, Paceville. Dak iz-zmien il-klabb kien gestit minn Charles Scicluna. Skont dan tal-ahhar l-appellant kien qieghed jassistih fit-tmexxija tal-lokal peress illi kellu esperjenza fit-tmexxija ta' hwienet ta' dan il-generu u xtaq illi l-appellant jassistih fil-bidu tieghu ta' din l-intrapriza kummercjali. Fost in-nies illi kien hemm fil-lokal kien hemm Christian Callus u xi hbieb tieghu. F'hin minnhom, wara l-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) gie allegat illi Callus kien qed jiehu xi ritratti bil-mobile u l-appellant gie u imbuttahom 'il barra. Callus spjega kif qabdu mill-flokk u hargu. Din ix-xhieda hija korroborata minn Lloyd Coleiro illi ukoll iddeskriva kif is-security gew ghalihom u qalulhom biex johorgu 'l barra fuq allegazzjoni illi Chris Callus kien qed jiehu xi ritratti bil-mobile phone tieghu. Veru illi Callus kellu l-mobile f'idejh izda jekk kien qed jiehu ritratti ma jafx. Mhuwiex cert jekk kienx l-appellant illi gie ghalihom biex johorgu peress illi ikkwalifika d-deskrizzjoni tieghu bil-kliem "ghandu jkun".

Min-naha l-ohra l-appellant jghid illi huwa kien xoghol Paceville però mhux bhala security izda biex jghin lil Charles Scicluna fl-operazzjoni tal-lokal illi kien ghadu kif beda jiggestixxi peress illi l-appellant kellu esperjenza f'dan il-qasam. Jghid illi ma kellux argumenti ma' Christian Callus jew Lloyd Coleiro izda qalilhom biex johrogu 'l barra mil-lokal wara li xi hadd gibidlu l-attenzjoni illi kienu qieghdin jiehdu xi ritratti. Ma innegax illi nqala' argument ma' Lloyd Coleiro u Chris Callus meta dawn tawwlu ilsienhom mieghu, però ma kienx hemm xi glied jew forma ohra ta' forza.

Ikkunsidrat:

L-appellant argumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u hemm ukoll kontradizzjoni fis-sentenza meta gie liberat mit-tieni imputazzjoni izda ma giex illiberat mill-ewwel wahda. Terga' u tghid, ix-xhieda ta' Christian Callus ma kinitx kredibbli. Fi kwalunkwe kaz, ix-xoghol li kien qieghed jaghmel l-appellant ma kellux jigi meqjus bhala dak ta' gwardjan privat peress li kien qieghed jaghmel xoghol ta' impjegat u

part time kif jidher mill-proviso tal-artikolu 2 tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta. U billi skorta lil Chris Callus barra mil-lokal ma jfissirx li kien qieghed jaghmel xoghol ta' security. Fi kwalunkwe kaz il-piena inflitta hija harxa wisq meta tqis li dan kien incident ta' darba minghajr ma kellu ebda konsegwenzi.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-appellant. Ma tara l-ebda kontradizzjoni fis-sentenza u l-ewwel Qorti kienet libera illi tiddeciedi li ma ssibx htija fit-tieni akkuza li tirrigwarda offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Callus u ssib htija fuq l-ewwel akkuza illi tirrigwarda xoghol ta' gwardjan privat minghajr awtorizazzjoni. Ma hemmx dubbju illi l-appellant intrometta ruhu f'dan l-incident wara illi l-manager tal-klabb attiratlu l-attenzjoni illi Christian Callus seta' kien qed jiehu xi ritratti fil-lokal. Skont l-istess appellant kien hemm security impjegati mal-azjenda illi però ma dehrlux illi kellu jinvolvihom f'dan l-incident u ha l-inizjattiva huwa sabiex johrog lil Christian Callus 'il barra mil-lokal. M'hemmx dubbju illi b'dan l-agir l-appellant ghamel xoghol ta' security meta ordna persuna titlaq minn dan il-post ta' divertiment.

Id-definizzjoni ta' gwardjan privat skont il-Kap. 382 hija wiesa' hafna u tinkludi ukoll dan ix-xoghol li qieghed jaghmel l-appellant principalment il-mizura ta' dixxiplina illi ghazel li jiehu fil-konfront ta' Chris Callus u Lloyd Coleiro.

Hawnhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq ix-xhieda illi kellha quddiemha setghet liberament u legalment issib htija fil-konfront tal-appellant ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza.

Rigward il-mertu l-principju regolatur huwa li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------